**It-tieni jum**

## Aħna aljenati?

Id-direttur spiritwali tiegħi dejjem kien jgħidli biex nagħmel "pawsa mentali" – jiġifieri, qabel ma nagħmel xi ħaġa, nieqaf ftit u nistaqsi lili nnifsi: "għalfejn ser nagħmel dak li ser nagħmel?", "x'qed infittex b'dak li ser nagħmel?". Nemmen li huwa ta' importanza kbira li niefqu u naħsbu ftit f'ħajjitna. Għax il-verità hi li għandna ħajja tant mgħaġġla li mingħajr ma nindunaw naqbdu triq li ftit ftit tbegħidna minn dak li tant għandna bżonn: il-paċi fil-qalb.

Insiru lsira tax-xogħol, tal-flus, ta' divertament u nfiq bla rażan… u nitilfu kollox. L-isqfijiet fil-Pastorali tar-Randan ixebbħuna mal-Poplu Lhudi fil-mixja tiegħu fid-deżert. Kellu bżonn il-poplu magħżul t'Alla żmien ta' purifikazjoni, żmien ta' bidla. F'dan iż-żmien ninsabu ahna. U f'din il-mixja mhux kollox huwa faċil; anzi biex wieħed jikber irid jgħaddi mill-esperjenza tat-tbatija, bħalma d-deheb jiġi ppurifikat fin-nar. Fil-mixja tad-deżert il-poplu Lhudi sofra l-għatx – u anke aħna fil-ħajja spiritwali tagħna jiġu mumenti ta'n ixfa, fejn titlob u ma tħoss xejn, taqdi dmirek u tħossok waħdek. F'mumenti bħal dawn irridu nibqgħu mexjin. Fil-mixja tad-deżert il-poplu t'Alla kellu jaffronta ħafna għedewwa minn barra u minn ġew. Anke llum il-Poplu t'Alla, li hija l-Knisja, ssib ruħha attakkata minn ħafna għedewwa. Ma ninsewx li din il-Knisja hija jien u int – u minn jimxi wara Kristu jrid ikun lest għall-persekuzzjoni u jrid jibqa' fidil għal dak li jemmen.

Biex il-Knisja tisbieħ hemm bżonn li tgħaddi minn din l-esperjenza tad-deżert. Il-Poplu Lhudi għadda wkoll mill-eżilju ta' Babilonja, u ħafna kienu ħasbu li dak kien it-tmiem tal-Poplu… imma le, mill-eżilju ħareġ il-fdal ta' Iżrael, b'tama sħiħa li jerġa' lura lejn l-Art Imwegħda, fejn bdew mill-ġdid jibnu lilhom infushom u djarhom,m f'esperjenza li fiha qatt ma tilfu l-identità tagħhom ta' Poplu tal-Wegħdiet t'Alla.

Żgur li fil-ħajja tagħna jiġu dawn il-mumenti diffiċli. Forsi anke fil-ħajja matrimonjali tiegħek jiġu dawn il-kriżijiet. Ma naqtgħux qalbna, għax għal Alla kollox hu possibli. Għal min jibqa' jemmen fiH kollox jiġi jiswa' ta' ġid għalih. Tibqa' temmen ifisser ma titlifx dak it-tajjeb li ħadt mill-ġenituri tiegħek, dawk il-valuri nsara li rċivejt fi tfulitek permezz tal-katekeżi għall-ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof, dawk il-ħsibijiet li żgur smajt minn xi laqgħa, dik-triq li l-Knisja permezz tal-predikazzjoni tagħha turik bhala l-vera. Il-periklu huwa li ninġarru mill-moda taż-żminijiet. Id-dinja tal-lum tpoġġi bħala tajjeb dak li l-aktar jagħti pjaċir, bħaħa korrett dak li tgħid il-maġġoranza, u bħala veru dak li jaqbillek. Imma aħna m'aħniex tad-dinja; iva, ngħixu fiha, però aħna l-poplu t'Alla. Dan li ma rridux nitilfu: l-Identità tagħna ta' wlied id-dawl!

Dan hu possibbli biss jekk nirrikorru għat-Talb, għax huwa fit-talb li nirċievu l-grazzja tal-fidi, titqawwa t-tama u nintlew bl-imħabba t'Alla. Żmien ir-Randan huwa żmien ta' talb. U bla dubju l-isbaħ talba hi l-Quddiesa. Ejjew nersqu bħala aħwa madwar mejda waħda, u minkejja d-differenzi li hemm bejnietna niċċelebraw mument speċjali kull nhar ta' Ħadd bħaa aħwa magħqudin f'fidi waħda. Il-quddiesa tkun laqgħa mal-Mulej jekk tiċċelebraha bil-fidi u s-sempliċità, mhux li tfittex x'ser tieħu mill-quddiesa jew x'se jagħtik is-saċerdot, imma tifhem x'qed jagħtik Alla f'Ibnu u allura twieġeb billi tfittex x'ser tagħti lil Dak li ħalqek. Huwa fil-quddiesa li verament insiru ħbieb ta' l-Evanġelju u permezz tiegħu ħbieb ta' xulxin. Esperjenza bhal din nistgħu ngħixuha kuljum, u hekk ftit ftit niskopru mill-ġdid dawk il-valuri li verament jagħmluna bnedmin ferħanin.